MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Numru 694/2005

**IL-PULILZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**VS**

**GIUSEPPE AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Giuseppe Agius ta’ 54 sena, bin Francesco u Carmela nee’ Sammut, imwieled in-Naxxar, nhar id-9 ta’ Settembru, 1950 u li joqghoed fil-fond bl-isem ‘Casa Rubina’, Triq il-Wied, l-Iklin, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 769 550 (M);

Akkuuzat talli fil-5 ta’ Lulju, 2005, ghall-habta ta’ xi 20:30hrs, gewwa Triq il-Bala, in-Naxxar:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ delitt, billi minghajr

il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem few fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta’ Pacifico Agius, liema hsara tista’ ggib debulizza permanenti tal-mohh, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tal-imputat, u dan permezz ta’ xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez, u dan bi ksur tal-Artikoli 41(a), 64, 214, 216, u 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi, permezz ta’ xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura fuq Pacifico Agius, skond ma ccertifika t-tabib Dr Allan Drago MD, mill-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Wara li rat l-Artikoli 41(a), 64, 214, 216, 217, 221(1)(2), 383, 383 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni tal-imsemmi imputat Giuseppe Agius, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi sabiex jikkonsidra din l-istess ammissjoni tieghu;

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-istess Giuseppe Agius hati tal-akkuzi dedotti kontrieh, u tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ierho fi zmien sena (1), *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* tordna il-hrug ta’ garanzija favur il-parti civili, indikata fl-akkuza, u cioe’ Pacifico Agius, ai termini tal-Artikolu 383, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal perjodu ta’ sena (1), taht penali ta’ mitt lira maltin (Lm100.00).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------